SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 23/K10/25

Data tal-laqgħa: 18 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

23.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**23.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 22/K10/25.

23.2.02 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando dwar il-punt 22.06.03 ġibed l-attenzjoni li għandha tiżdied li l-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbagħat ittra lit-Transport Malta.

23.2.03 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġibed l-attenzjoni dwar il-minuti li kull fejn ittieħed vot għandhom jitnizzlu l-ismijiet tal-Kunsilliera. L-Kunsill qabel unanimament li dan għandhom jsiru kemm għal Minuti 22 kif ukoll għal kull vot ieħor li għandu jittieħed fil-futur. Ġibed l-attenzjoni ukoll li 22.4.19 li kien il-Kunsillier Mario Amaira kien li ġibed l-attenzjoni ħabba l-cameras u mhux hu filwaqt li għandha tiżdied ukoll li l-Kunsill m'għandux joġġezzjona għal permess kompletament imma li għandu jonqos l-area ta fejn ser jagħmlu l-imwejjed.

23.2.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

23.2.05 Il-Kunsilliera Victor Vella ssekondatu.

23.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**23.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

23.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6624 sa' 6648 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

23.3.02 Il-Kunsillier David Caruana oġġezzjona għal pagament ta' Natasha Deguara minħabba li l-kuntrattur skond it-tender għandu jibgħat *workplan* bix-xogħol li sar matul ix-xahar ma' kull invoice li tintbagħat. Il-Kunsillier Mario Amaira qabel mal-Kunsillier David Caruana u ġibed l-attenzjoni li din għandha ssir għal kull tender. Ic-Cermen nforma lill-Kunsill li din giet mitluba u ser tibda tintbghat mix-xahar ta Dicembru minhabba li l-kuntrattur diġà gie nfurmat.

23.3.03 Wara diskussjoni l-Kunsilliera għaddew għal vot dwar l-iskeda tal-pagamenti fejn tmienja vvutaw favur li huma – ic-Cermen Guido Dalli, l-Vici-Sindku Sean Gauci, l-Kunsilliera Mario Amaira, Carlo Mifsud, Patricia Camilleri, Rita Dimech Portelli, Gabriel Borg

Ferrando u Victor Vella, ħadd ma ivvota kontra u kunsillier David Caruana astjena minħabba raġuni li ngħatat fil-punt 23.3.02.

23.3.04 Għalhekk l-Pagamenti ġew approvati.

23.3.05 Dwar il-Purchase Request Sheets, l-Kunsill qabel unanimament.

**23.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

23.4.01 Fir-rigward l-kumpless Dun Anton Sciberras, ic-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-Perit għaddej bl-applikazzjoni tal-UIF u wara li id-Dipartiment irċieva l-applikazzjoni taghna, talbu sabiex jiġu ccarti xi punti mill-perit u dawn saru.

23.4.02 Fuq punt li qajjem il-Kunsillier Carlo Mifsud, li ghandha nibqghu ghaddejin bil-hsieb li xi darba jsir proġett fuq l-istess kumpless, c-cermen ġibed l-attenzjoni li ma nistghux nhallsu somom ta' flus lil Perit umbad il-progett jista ma jsirx. Għalhekk ic-Cermen ser ikellem lill-Perit biex jara jistghux jaghmel pjanta u jithallas biss jekk il-progett jsir.

23.4.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar l-ittra tal-konfini ma Pembroke l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li jekk dan il-każ jingħata kontra l-Kunsill, l-Kunsill għandu jmexxi bil-qorti.

23.4.04 Dwar it-tender tal-ħitan ta' Ta' Giorni, c-Ċermen u s-Segretarju Eżekuttiv taw informazzjoni dwar il-proċess fix wasal dan it-tender.

23.4.05 Fir-rigward l-MOU's tal-knis u l-latrini pubbliċi, l-Kunsill ġie nfurmat li għadhu qed jistenna risposta dwar l-MOU's u dwar meta ser jibda x-xoghol min-naha tac-CMD. Ġie deċiż li l-latrina tat-Tigulio m'għandiex tinfetaħ għalissa minħabba l-vandaliżmu. Il-Kunsillier Mario Amaira qajjem il-punt ta Project Manager għandu jkun li jkollu kontroll fuq ix-xogħol ta' barra, dan jista' jkun anki ħaddiem tal-Kunsill li għandu preżentement fuq barra. Ic-Cermen ikkonferma li fuq barra għandu żewġ ħaddiema li jistgħu jissorveljaw dan ix-xogħol.

23.4.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-ittri ta' Triq Patrick Brydone tqassmu għandhom sa' nofs Diċembru biex jibgħatu risposta.

23.4.07 Iċ-Ċermen informa wkoll li l-attività tal-Milied 'Milied f'San Giljan' ser issir fi Triq San Ġorġ, faċċata ta' Mercury u din ser tkun is-Sibt 13 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill ġie nfurmat li qed jinġabru kwotazzjonijiet u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Gabriel Borg

Ferrando għandhom jinġabru kwotazzjonijiet ukoll sabiex jsiru banners bir-riklam. Ġie deċiż unanimament li l-Viċi Sindku Sean Gauci għandu jiftaħ paġna għal-Kunsill fuq Instagram. Il-Kunsill qabel ukoll li waqt l-attività ta Milied f'San Giljan, l-Kunsill għandu jorganizza ukoll li jinġabru rigali għal attività Rigal b'imħabba u li għandha tintuża s-siġra tal-Milied ta' Mercury bħas-sena l-oħra. Dawn ir-rigali għandhom jinġabru hekk kif tispiċċa l-attività ta' Milied f'San Giljan. Il-Kunsill għandu jirriklama u li ser jkunu qed jinġabru dawn ir-rigali.

23.4.09 Dwar il-bollards fi Triq Sant'Andrija kif toħroġ min Triq Ivo Muscat ġew nfurmati li twaħħlu.

23.4.10 Dwar Triq il-Mensija il-parti ta' fejn il-Kebab Factory sabiex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ġie deċiż li din għandha terġa tiġi diskussa waqt laqgħa oħra.

23.4.11 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera dwar l-iżvilupp ta Ġnien Spinola u l-Kunsill għandu jiġi nfurmat bir-riżultat tal-laqgħat li Project Green ser ikollu mal-Awtoritajiet konċernati. Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joqgħod attent sabiex ma jinqalgħux siġar fil-proġett tal-Ġnien. Ic-Ċermen ppreżenta pjanta dwar Ġnien Spinola għal-attenzjoni tal-Kunsill. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lill-Project Green biex il-Kunsill ikun jaf il-pożizzjoni tagħhom u filkas isir konsultazzjoni pubblika.

23.4.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-proġett tal-Ġnien ta' Ta' Giorni waqaf minħabba li hemm kawża l-Qorti. Il-Kunsillier David Caruana nforma lill-Kunsill li r-residenti ta' Ta' Giorni qabdu avukat biex tirraprezentom. Wara diskussjoni qasira u fuq proposta tal-Kunsillier Carlo Mifsud ġie deċiż li l-Kunsill għandu jidħol parti min din il-kawża u għalhekk ic-Ċermen għandu jagħmel kuntatt mal-Avukata tar-residenti.

23.4.13 Fir-rigward l-laqgħa mas-sajjieda ta' Xatt is-Sajjieda l-Kunsilliera ġew nfurmati li kif il-Kunsill jkollu d-data tal-laqgħa magħhom dawn ser ikunu nfurmati.

23.4.14 Dwar l-ittri tal-oġġezzjonijiet li saru mill-Kunsill, c-Ċermen nforma li min jixtieq jista' jiġi jara l-ittri li ntbagħtu. Ic-Ċermen qara l-ittra tal-oġġezzjoni dwar PA06285/25.

23.4.15 Il-Kunsill ġie nfurmat li għada l-Erbgħa 19 ta' Novembru ser tingħata l-injection tal-influwenza, COVID booster kif ukoll tal-Pnewmonja.

23.4.16 Dwar il-linji s-sofor ta Triq Spinola, c-Ċermen nforma li skond il-kuntrattur hemm biżżejjed wiesa fit-triq sabiex jkun hemm parking fil-ġnub tat-toroq kif ukoll jgħaddu l-karozzi, għalhekk ġie deċiż li għandhom jsiru parkeġġi fil-ġnub tat-triq u jgħaddu l-karozzi. Ġie deċiż ukoll li għanda titneħħa Reserved Parking Bay li hemm fl-istess triq.

23.4.17 Ic-Ċermen nforma li nhar is-Sibt 29 ta' Novembru 2025 ser jiġu l-palio ta Piazza Armerina u ser jagħtu spettaklu madwar diversi toroq fil-lokalita u dawn jibdew min quddiem l-Knisja tal-Karmnu fi Triq Censu Tabone. Għandu jintbagħat invit dwar din l-attività.

23.4.18 Ic-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar ix-xogħolijiet fit-toroq li qed issiru fil-lokalita.

23.4.19 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn fid-9.00a.m. ser issir laqgħa ma rappreżentanti tal-Ghana. Ic-Ċermen għandu jinforma lill-Kunsilliera bil-post fejn ser issir din il-laqgħa.

23.4.20 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibni ċint fi Triq Telgħet San Giljan peress li jinsab perikoluż ħafna.

23.4.21 Fuq Ġnien Saver Zarb, l-Kunsill informa li illum tlesta x-xogħol tal-grouting u jekk ix-xogħol ikun tajjeb għandu jitkompla il-proċess biex jigi nstallat id-dawl.

23.4.22 Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied għandha ssir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2026.

***23.5 Attivitajiet tal-Milied***

23.5.01 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li għandha ssir laqgħa mal-Kumitat tal-attivitajiet.

23.5.02 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera ukoll dwar l-attività li ser issir:

- b'kollaborazzjoni mal-Odyssey u ser issir fis-26 ta' Novembru 2025,
- 16 ta' Diċembru 2025 ser issir Coffee Morning;
- 29 ta' Diċembru 2025 ser issir ġurnata Ghawdex;

***23.6 Trasferiment tal-Leave***

23.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għal-attenzjoni tal-Kunsill talbiet mingħand l-impjegati tal-Kunsill sabiex il-leave pendenti mis-sena 2025 jiġi trasferit għas-sena 2026 skond il-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

23.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

***23.7 Talbiet żgħar:***

**23.07.01 Email mir-Regjun Lvant dwar skema finanzjarja ghal avveniment u/jew xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied**

23.07.01.01 Ic-Ċermen ressaq email li l-Kunsill irċieva dwar skema finanzjarja għal-avveniment u / jew xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied u ġie deċiż unanimament li dawn il-fondi għandhom jintużaw għat-tender tad-dawl tal-Milied li l-Kunsill għandu preżentement.

**23.07.02 Email mir-Regjun Lvant dwar skema finanzjarja għal proġett b'kollaborazzjoni mar-Regjun**

23.07.02.01 Dwar l-email fir-rigward skema finanzjarja għal proġett b'kollaborazzjoni mar-Regjun għal ammont ta' €15,000, ġie deċiż unanimament li għandha ssir proġett ta tisbieh tal-Balluta li ser tkun tinkludi t-tinda li tinsab fil-Pjazza tal-Balluta u ser jiġi rranġata ukoll l-latrina tal-Balluta.

**23.07.03 Diversi korrispondenza fir-rigward hornet traps**

23.07.03.01 Ic-Ċermen nforma dwar dawn it-talbiet u ġie deċiż li l-Kunsill jixtri l-bramel u l-ħaddiem tal-Kunsill għandhom jagħmlu l-manutenzjoni tagħhom fix-xahar. Għandha tiżdied ukoll Triq Patrick Brydone.

**23.07.04 Talba mingħand Refab sabiex jiġu nstallati kaxex tar-recycling tal-ħwejjeġ**

23.07.04.01 Ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill email mingħand ir-Refab sabiex jiġu nstallati kaxex tar-Recylcing tal-ħwejjeġ fi Triq il-Baltiku ħdejn il-Bring in sites. Il-Kunsillier għaddew għal-vot fejn ic-Ċermen u l-Kunsilliera Victor Vella, Rita Dimech Portelli, David Caruana, Carlo Mifsud, vvutaw favur, kontra din il-mozzjoni vvutaw l-Kunsilliera Mario Amaira, Patricia Camilleri, Gabriel Borg Ferrando u astjena l-Viċi-Sindku Sean Gauci. Ghalhekk din it-talba ser tiġi aċċettata.

**23.07.05 Email dwar Charity Swim**

23.07.05.01 Fir-rigward l-email fir-rigward biex terga ssir ic-Charity Swim fit-28 ta' Diċembru 2025, l-Kunsill qabel unanimament.

**23.8 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

23.08.01 Fir-rigward l-email minghand il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ċ-Ċermen nfurmah li ntbaghatu reminders lit-Transport Malta kif ukoll gibed l-attenzjoni dwar il-bankina ta Triq Henry Calleja peress li l-perita tax xoghol ikkonċernat ghadha ma taghtx risposta fuq l-emails.

23.08.02 Dwar il-mistoqsijiet mingħand il-Kunsillier David Caruana ta' Triq Sant'Anglu, ċ-Ċermen nfurmah li dik t-triq ma tistax tagħmel tlieta jew erbgħa. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandu jittieħed vot jekk għandhomx jiżdiedu sleeping policeman fi Triq Sant'Anglu. Il-Kunsillier David Caruana vvota favur, l-Kunsilliera Carlo Mifsud, Patrica Camilleri, Rita Dimech Portelli, Victor Vella, l-Viċi-Sindku Sean Gauci u ċ-Ċermen vvutaw kontra u l-Kunsilliera Mario Amaira u Gabriel Borg Ferrando asstjenew. Ghalhekk din it-talba ma ġietx aċċettata.

23.08.03 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet lill-Kunsillier David Caruana li:

- dwar il-billboard jixgħel li dan ġie rappurtat lill-Pulizija,
- website ġie nfurmat li ġie updated,
- l-bozoz ser tintbagħat il-lista lill-Enemalta,
- CCTV's ġie nfurmat li għaddej bil-proċess li tintela l-formola tal-fondi tal-LESA,
- rigward l-email dwar il-bankijiet ġie nfurmat li din intbagħtet,
- Grawnd f'Ta' Giorni ġie nfurmat dwar il-proċess li sar,
- Triq Spinola rigward il-linji u l-bankina – ġiet diskussa aktar qabel;
- L-bramel tal-hornets – ġiet diskussa aktar qabel;
- Soft areas – ġie nfurmat li t-tender sar skond l-allokazzjoni;
- Triq Sant'Anglu – giet diskussa aktar qabel;

23.08.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet proposta dwar fondi tal-Unjoni Ewropea dwar *Foundation.*

## 23.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025 fl-5.00p.m.

23.9.02 Il-laqgħa ntemmet 21.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Cher Carmen Fenech** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 9 ta' Diċembru 2025**